Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

Data tal-laqgħa: 25 ta' October 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

36.1.1 Ma kien hemm edba ittri ta' apoloġija.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

36.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 36 u 37. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

36.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 38.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

37.2.4 **Tmiem ta' servizz mill-kuntrattur tal-gbir ta' skart**

Is- Sindku staqsa lis- SE rċevix l-approvazzjoni mid- Dipartiment għal Gvern Lokali biex is-servizz jingħata b'direct order. Is- SE wieġeb fin-negattiv. Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jekk ma jkollnix risposta imqar tlett ijiem qabel jispiċċa l-kuntratt ezistenti ser ikollna problema ta' gbir bil-konsegwenzi kollha tagħħa. Għadaqstant il-Kunsill f'kaz li jiġri hekk ser jerfa r-responsabbilta' u dan id-direct order jiġi fis-seħħ għaliex ma jistax ikun li dan is-servizzz daqstant essenzjali ma jingħatax.

38.3.1 **Perit Tal-Kunsill**

Is- Sindku infurma lill-Kunsill li minkejja diversi tentattivi kemm minnu u kemm mis- SE, il-perit mhux qed jimxi ma' l-obbligi li għandu mal-Kunsill b'konsegwenza li l-Kunsill ser jitlef xi finanzjament għal proġetti li jixtieq jagħmel il-Kunsill. Għaldaqstant huwa talab li jiġi nfurmat il-contracts manager b'dan għal gwida fuq x'jista' jsir.

35.4.9 Email mill-Greenpak

Il-Kuntratt mal- Greenpak ġie iċċekjat u jidher li fil-ftehim hemm ukoll li l-iskart madwar l-Ibins għandu jinġabar ukoll mill-kuntrattur. Is-Sindku talab li jiġi nfurmat il-contracts manager b'dan

35.12 Traffic Island fi Triq Il-Kannizzata kantuniera ma' Triq Birbal

F'dan l-istadju jidher mi minħabba dewmien mill-Perit, il-finanzjament ser jintilef pero' s- Sindku xorta jixtieq li din issir u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kusill approva.

35.13 Sleeping policemen fi Triq Il-Kbira

Applikazzjoni ma' Transport Malta għal sleeping policemen viċin Triq San Frangisk saret. Tinbgħat reminder lil Transport Malta minħabba li ma rċevejnix risposta għad.

36.4.2 **Siġra tal-Ficus Buontempo Estate**

Is- Sindku staqsa jekk tbidlietx is- sigra tal-Ficus ġewwa Buontempo Estate biex titwaħħal siġra oħra minflokha. Is- SE infurmah li l-kuntrattur ġie avzat biex din titneħħa wara li kien hemm approvazzjoni mil-ERA.

36.4.5 **Statwa Maria Assunta**

Is- Sindku minn korrispondenza li ra bejn il-perit tal-Kunsill u s- Sur Licari biex titlesta il-method statement għal restawr kien għadu ma ngħatax mis- Sur Licari. Is- Sindku qal li ser isegwi l-andament tiegħu.

## 38.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.4.1 Is- Sindku rrefera għal email mingħand s- Sur Bonnici li qiegħed fil-fazi finali li tkun lesta il-binja li tinsab fi Triq Sant Rokku kantuniera ma' Triq Il-Kbira fejn qed jitlob li li hemm area (cobble stones) fis-sqaq li tinsab fi Triq Santu Rokku u jixtieq li ssir laqgħa fuq il-post biex jigu ttrattai xi punti ta' xogħolijiet. Il- Kunsillera S. Gatt u l-Kunsillier ser jiffissaw appuntament.

38.4.2 Il-Kunsill rċieva ittra mingħand il-LESA biex jsir meeting on site ġewwa Wesgħa Profs. G. Aquilina fejn hemm il-Bring In Site biex jiġi diskuss il-problema ta' l-iskart li qed jintefa' fejn l-Ibins

38.4.3 Is- Sindku rċieva komunikazzjoni mingħand ir- Reġjun Ċentru rigward restoration funding scheme mnieda mill- Kunsill tal-Kultura. Huwa kien ta' l-idea li ssir applikazzjoni għar-restawr ta' l-istatwa Madonna tar-Rummiena. Għaldaqstant huwa ser jikteb lir- Reġjun rigward il-possibilita' li l-Kunsill jiġi mgħejjun fil-mili ta' l-applikazzjoni.

38.4.4 Is- Sindku tkellem fuq ilment li rċieva mingħand resident li joqgħod Triq Il-Ferrovija l-Qadima fejn parking bays viċin il-Corinthia Hotel mumhiex skond ir-regolamenti ta' Transport Malta u li qed jikkawzaw inċidenti fil-karozzi li jkunu pparkjati hemm. Min naħa tal-Kunsill ktibna lil Infrastructure Malta biex jirretifikaw dawn il-parking bays għaliex kienet din l-entita li għamlet ix-xogħolijiet. Fl-aħħar korrispondenza li rċieva mingħand Transport Malta infurmaw lill- Kunsill li l-problema hi li ma hemx bizzejjed spazju biex isiru kif suppost. Is- Sindku qal li min naħa tiegħu ser jibqa jinsisti li ix-xogħolijiet iridu jsiru kif suppost imbasta jsiru u skond ir-regolamenti.

38.4.5 Is- Sindku rrefera għal email li kienet ntbgħatet ftit ilu biex tiġi nstallata bin fi Triq il-Kbira naħa t'isfel u kienet approvata mill-Kunsill. Is- Sindku talab li din tiġi nstalllat mingħajr aktar dewmien.

## 38.5 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsillera

38.5.1 Il- Kunsillier Andre Grech staqsa jekk gietx kkonfermata t-track tal-mixja tal- President's Fun Run minħabba ir-risk assessment li qed jitħejja mill- kumpanija AME u kemm ser ikun hemm uffiċċjali jikkontrollaw. Is- Sindku ikkonferma t-toroq minn fejn ser tgħaddi l-mixja kif ukoll li ser ikun hemm erba' uffiċċjali.

## 38.6 Rapporti

38.6.1 Local Council Performance Report 2020
Is- Sindku rrefera għar-rapport mħejji mid- Dipartiment għal Gvern Lokali fuq performance indicators f'dak li jirrigwarda ġbir tal- iskart mħallat u rriċċklat, l-indafa tat-toroq u l-istat tat-toroq ġewwa Ħal Balzan. Huwa qal li r-rapport fih rizultati takbin u oħrajn li hemm bzonn ta' improvement.

## 38.7 Tibdil fl-ismijiet ta' Sqaq Nru 1 u Sqaq Nru 2 fi Triq Il-Providenza

38.7.1 Dan is-suġġett ser ikun diskuss fis-seduta li jmiss.

## 38.8 Double Yellow Line minn Transport Maltafi Triq San Anton/ Sant Antnin

38.8.1 Talba minn resident li joqgħod fir Triq Sant' Antnin kien hemm zewġ parking bays bejn Triq G. Portelli u Triq Annibale Preca li ttieħdu billi sar double yellow line u qed jitlob li jerġgħu isiru.

38.8.2 IL-Kunsill jagħraf lir-resident li għalkemm joqgħod Ħal Balzan, xorta din it-talba trid ssir lill-Kunsill ta' H'Attard għaliex l-area msemmija taqa' taħt r-responsabbilta' ta' dak il-Kunsill

## 38.9 Garage Nru 16, Triq Ġulju Cauchi

38.9.1 Is- Sindku qal li s- Sinjura Delicata sid il-garage avviċinatu fejn qaltlu li xi zmien ilu l-parking bay safra quddiem il-garage tagħha ġie misbuħ abjad bil-konsegwenza li kienu qed jipparkjaw il-karozzi u ma setax jintuza bħala garage. Hi qed titlob li dan jerġa jinzebah adjad u bgħatet prova li dan qed jintuza.

38.9.2 Is- Sindku qal li minn naħa tiegħu iċċekja mal-Pulizija u qalu li minn verifiki li saru jidher li dan il-garage kien qed jintuza għal skopijiet oħra. Minn naħa tal-Kunsill erġajna ktibna lil pulizija u bgħatnilhom ir-ritratt bħala prova kuntrarja.Is- Sinjura Delicata kkonfermat li qatt u ħadd ma avviċina biex isiru il-verifiki neċessarji.

38.9.3 Is- Sindku qal li hawnhekk għandna zewġ pozizzjonijiet kunfliġġenti. Minn intervent tas- Sna. Delicata qalet li dan il-garaxx ilu jintuza biex tiddaħħal il-karozza sa minn Marzu 2020 u qabel kien jintuza għal biex isiru xi lezzjonijiet edukattivi ukoll. Huwa għalhekk li trid il-parking bay issir safra.

38.9.4 Il-Kunsill approva li din il-parking bay terġa ssir parking bay safra quddiem il-garaxx.

## 38.10 Skema Nru 2, 3, 4 mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

38.10.1 Skema 2- **Servizz ta' tagħlim fil-mużika mgħotija mill-każini tal-baned fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru**..
Il-Kunsill ħa nota ta' din l-iskema imma l-ittra ntbgħatet fit- 8 ta' Ottubru u l-applikazzjoni riedet tidħol sal 15 ta' Ottubru.

38.10.2 Skema 3- **Xiri jew Kiri ta' Tizjin tal-Milied 2021**
Il-Kunsill talab li jinġiebu tlett kwotazzjonijiet biex tinxtara sigra tal-milied sa massimu ta' € 3000.

38.10.2.1 Is- Sindku sadanittant qal fuq proposta tal-Kazin Annunzjata, il-kazin kien qed jipproponi li l-Kunsill jixtri sigra tal-Milied. Il-Kunsill approva u ser jinġiebu tlett kwotazzjonijiet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill bil-possibilta li jintuzaw fondi allokati mir- Reħjun Ċentru.

38.10.3 Skema 3- **Xiri ta' A.E.D. (Automated External Defibrillator) u Taħriġ**
Il-Kunsill applika għal fondi biex tinxtara automated external defribilator

## 38.11 Tisbiħ tal-Playingfield

38.11.1 Il-Kunsill ser juza l-ħaddiema tal-Kunsill biex isiru xogħolijiet ta' zebgħa.

38.11.2 Il-Kunsillier S. Gatt infurma lil Kunsill li it-tqegħid tal-fjuri fil-playingfield ser isiru mill-kuntrattur tal-parks and gardens għaliex dan is-servizz jiffurma parti mill-kuntratt tiegħu.

## 38.12 Traffic Island fi Triq Il-Kannizzata kantuniera ma' Triq Birbal

38.11.1 Il-Kunsill ser jagħmel ix-xogħolijiet bil-ħaddiema tiegħu

## 38.13 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

38.13 Il-Kunsill ser jagħmel ix-xogħolijiet bil-ħaddiema tiegħu

## 38.14 Jum Ħal Balzan 2021

38.14.1 Is- Sindku infurma lil Kunsill li l-ittri tar-rebbieħa ta' Ġieħ Ħal Balzan tlestew u ser jintbgħatu fil-ġranet li ġejjin.

38.14.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li z-zewġ baned li jer jagħtu il-Kunċert ser ikunu responsabbli tar- Risk Assessment quddiem l-MTA. Il-Kunsill ser jkun jikkolabora mal-kazini fl-att amminstrativ kif ukoll dik finanzjarja.

38.14.3 Il- Viċi Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill tlett kwotazzjonijiet ta' PA system u aċċessorji għal dan il- kunċert. Il-Kunsill għazel l-offerta li kienet teknicament u finazjarment vijabbli li kienet ta' _____

## 38.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

38.15.1 Email mingħand resident li joqgħod fi Triq L-Mdina fejn fl-istess triq kantuniera ma Vjal Sir Mikelangelo Refalo ilmenta li b'rabta mal- Central Link, il-kuntrattur inkarigat mix-xogħolijiet ħalla telqa' sħiha u ħmieġ kullimkien. Il-Kunsill ser jikteb lil Infrastructure Malta biex jitranġaw l-affarijiet

38.15.2 MHAL Ċirkulari Nru. SPI/ SCI/7/2021- Fond ta' Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew mwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill nnota il-kontenuti ta' l-ittra.

38.15.3 Suġġeriment minn resident biex Triq Birbal, ssir One-Way. Il-Kunsill jagħraf li Triq Birbal hija triq arterjali u taqa' taħt r-responsabbilta' ta' Transport Malta.

38.15.4 Talba biex fi Triq L-Annunzjata tiġi ntrodotta r- Residents Parking Scheme- Il-Kunsill jagħraf li sa mill-2013 talbiet simili bħal dawn ġew sospiżi b'mod indefinit minn Transport Malta

38.15.5 Talba mis- Sna. Vella biex fil-Kunsill jibdew isiru sessjonijiet b'rabta ma' l-arti u kreattività'. Il-Kunsillier S. Gatt ser jagħmel laqgħa mas- Sna. Vella fuq dan is-suġġett.

38.15.6 Email mingħand EkoSkola biex il-Kunsill jissieħeb bħala membru għal Programmi ta' EkoSkola/ Young reporters for the Environment. Il-Kunsill approva.

38.15.7 Ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq Il-kbira (parti ta' fuq) fejn minħabba xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni li qed isiru faċċata tiegħu dawn qed joħolqulu inkonvenjenza apparti li nkisret biċċa mill-bankina quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill ser jirranġa l-bankina filwaqt li ser jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

## 38.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

38.16.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 10/21, li tinkludi l-ammont ta' €31.50c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ottubru 2021.

34.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Vici Sindku Mary Louise Briffa, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. Oliver de Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 38.17 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- seduta li jmiss

34.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.47pm.

34.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru 2021 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 22 ta' Novembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Dr. Angelo Micallef | Mark Mallia |
| Sindku | Deputat Segretarju |